# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 2314

**Kaz Nru. 2633/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Eucharist Bezzina**

**u**

**Malta Dairy Products Ltd.**
**(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Eucharist Bezzina, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 2008. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kien assistit minn Dr Justyne Caruana u is-Socjeta intimata kienet raprezentata**

**mis-Sur Martin Grech li kien assistit minn Dr Alessia Zammit McKeon u mis-Sur Alfred Mallia Milanes.**

**Fl'Istqarrija tal-Kaz tieghu, ir-Rikorrenti jghid li kien gie mpjegat mal-Kumpanija Malta Dairy Products Limited fit-28 ta' April 1987, fuq kuntratt indefenit bhala Supervisor u kien assenjat biex jaghmel dan ix-xoghol fil-fabbrika tal-Kumpanija fil-Qasam Industrijali tax-Xewkija.**

**Fl'Istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li matul il-hajja ta' l-impieg tieghu qatt ma kellu problemi fuq il-post tax-xoghol u lanqas ma kellu rapporti ta' xi incidenti serji tul dawn is-snin kollha. Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li dejjem obda d-direttivi u r-regolamenti tal-Kumpanija.**

**Ir-Rikorrenti jghid ukoll fl'Istqarrija tieghu, li nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2008, huwa ircieva ittra minghand il-management tal-Kumpanija fejn kien akkuzat li bl'intenzjoni li jiffroda lill'Kumpanija, deliberament biddel il-kontenut ta' flixkun li fih kien hemm kampjun tal-halib li dahhal is-Sur John Azzopardi (Registrazzjoni Nru 307). Huwa jghid ukoll, li wara din l-allegazzjoni gie mghoddi proceduri dixxiplinarji interni kif hemm stipulat fil-Ftehim Kollettiv.**

**Fl'Istqarrija tieghu huwa jkompli jghid, li fit-18 ta' Ottubru 2008, il-Board ta' Dixxiplina sabu hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u irrakkomanda li jinghata l-piena massima, jigifieri dik ta' tkeccija.**

**Fl'Istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li jibqa jichad li b'xi modipprova jiffroda lill Kumpanija. Anzi bil-kuntrarju, dak li fil-fatt ghamel kien biss fl'interess tal-Kumpanija.**

**Ir-rikorrenti jtemm l-Istqarrija tal-Kaz tieghu fejn jghid, li it-terminazzjoni ta' l-impieg saret permezz ta' ittra datata 20 ta' Ottubru 2008, ghaldaqstant huwa talab lit-Tribunal Industrijali, biex jiddikjara li it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret b'mod ingust u bi ksur tal-ligi u talab lit-Tribunal Industrijali biex jinghata l-impieg lura kif ukoll, jithallas dawk is-somom ragjonevoli ta' flus bhala kumpens tat-telf finanzjarju li sofra mid-data ta' l-20 ta' Ottubru 2008, li hija d-data li sehhet it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu.**

**Is-Socjeta intimata fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha qalet, li it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-Rikorrenti minn mas-Socjeta' saret ghal-ragunijiet tajba u sufficjenti skond il-ligi. Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha is-Socjeta qalet ukoll, li d-decizjoni tat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti hadita, wara li l-Bord tad-Dixxiplina kostitwit**

**skond il-Ftehim Kollettiv vigenti bejn is-Socjeta intimata u l-UHM li hija l-Union li tirraprezenta l-maggoranza tal-haddiema sab lir-rikorrenti hati ta' akkuza serja hafna kontrih, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-Kaz.**

**Mill-provi jirrizulta, li ir-Rikorrenti kien ilu mpjegat fil-grad ta' Supervisor mas-Socjeta intimata ghal madwar 21 sena u mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali ma jirrizultax li qatt kellu kazi ta' dixxipplina. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-imgieba tieghu kienet wahda korretta.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti saret b'sehh mill-20 ta' Ottubru 2008, fejn qabel ma gie mghoddi process ta' Dixxiplina huwa kien akkuzat mill-management tas-Socjeta permezz ta' "Charge" datat 30 ta' Settembru 2008, fejn gie akkuzat " Following a report that we have received and after investigating the matter, we are hereby issuing you with a Charge in that on the 27$^{th}$ September 2008, with intent to defraud the company, you deliberately changed the contents of the milk sampling bottle of milk producer Mr John Azzopardi (Reg. No 307) which sample had been automatically taken by the milk intake machine".**

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-Kaz inkwestjoni sehh meta is-Socjeta isusspettat li Supervisor, li jiehu hsieb il-makna u l-apparat li janalizzaw kampjuni tal-halib li jinxtara minghand ir-rahhala biex jigi determinat il-kwalita tieghu, kienu qed isiru arrangamenti biex il-kampjun tal-halib ma jigix analizzat skond il-procedura tal-Kumpanija, bir-rizultat li l-halib li kien qed jinxtara mill-kumpanija kien qed isir dan minghajr ma kien qed jigi analizzat u tigi determinata l-kwalita tieghu.

Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-management tas-Socjeta ddecieda li jinvestiga l-ghajdut li kien hemm dwar din il-materja u ghaldaqstant, ghamel arrangamenti li l-ewwel hames flixken li fihom jitpogga il-kampjun tal-halib biex jigi analizzat, go dawn il-flixken titpogga kimika biex meta aktar tard jigu ezaminati dawn il-kampjuni jkunu jistghu jistabillixu jekk il-kampjuni tal-halib kienux gew mibdula ma halib iehor.

Mill-provi jirrizulta li dan l-ezercizzju sehh nhar is-Sibt 27 ta' Settembru 2008, dak inhar kien xoghol ir-rikorrenti u ir-rahhal li hu implikat f'din il-kwestjoni wasal l-ewwel wiehed biex jissottometti l-produzzjoni tal-halib tieghu fil-premises tas-Socjeta. Konsegwentament, il-kampjuni tal-halib gew mibghuta fil-laboratorju tal-Kumpanija li jinsab il-Hamrun

**u meta gew ezaminati erba minn dawn il-kampjuni gew certifikati li kellhom il-kimika li giet impoggija ghal dan l-ezercizzju, fil-waqt li l-hames kampjun li kien iddentifikat li jippartjeni lir-rahhal imsemmi hawn fuq ma kellux il-kimika li suppost kellu jkollu bhal kampjuni l-ohra.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-Kumpanija interpretat dan ir-rizultat li kien ifisser, li ir-rikorrenti li dak inhar ta' l-ezercizzju kien l-uniku wiehed li kellu access ghal makna fejn jigu ezaminati il-kampjuni tal-halib, kien battal il-kimika mill-flixkun tas-sampling fejn kellu jigi ezamint il-kampjun tal-halib li kien jippartjeni lir-rahhal. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li l-management tas-Socjeta inizjala proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrenti u akkuzah bi frodi kif jidher mic-"Charge" mahrug mill-Kumpanija datat 30 ta' Settembru, 2008.**

**Matul is-smigh tal-provi quddiem it-Tribunal Industrijali, is-Socjeta tghid ukoll, li waqt il-proceduri tad-dixxiplina li addottat fil-konfront tar-rikorrenti, huwa kien ammetta li fetah il-flixkun tal-kampjun involut f'din il-kwestjoni, meta kien jaf li kellu struzzjonijiet mill-management tal-Kumpanija li taht l-ebda cirkostanzi ma kellu jghamel dan u ghaldaqstant, huwa kien hati wkoll li ma segwix struzzjonijiet moghtija lilhu mill-management tal-Kumpanija.**

**Mil-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li ir-Rikorrenti cahad dawn l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Ir-Rikorrenti quddiem it-Tribunal Industrijali fix-xhieda tieghu spjega,  li dak inhar ta' meta qed jigi akkuzat bil-kaz mar normali ghax-xoghol u peress li kien konxju li l-makna ma kienitx qed tahdem sew bir-rizultat li kienet qed tohloq fwar fil-flixken tal-kapjuni u li dak il-fwar setgha jikkontamina it-testijiet li kienu jsiru fuq il-halib, huwa fetah il-makna u zvojta dawk it-tracci ta' fwar u rega pogga kollox kif kien. Mill-provi jirrizulta wkoll, li huwa ma irrapurtax lis-superjur tieghu dak li kien ghamel u li dan kien bi ksur ta' struzzjonijiet cari biex ghal-ebda raguni ma jigi investigat il-kontenut ta' dawn il-fliexken u ghal ebda raguni m'ghandhom qatt ibattlu l-fliexken.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li is-Socjeta ma hadet l-ebda azzjoni mar-rahhal involut f'din il-kwestjoni tax-xoghol u baqghet tahdem mieghu b'modd normali u regolari.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, li ir-rikorrenti kien ilu mpjegat mas-socjeta ghal madwar 22 sena u matul il-hajja ta' l-impieg tieghu huwa kellu rekord tajjeb ta' xoghol u qatt ma kellu kazijiet ta' dixxiplina.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-Kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, li l-akkuza li harget is-Socjeta fil-konfront tar-rikorrenti li bazikament kienet tghid, li bil-hsieb li jiffroda l-Kumpanija huwa deliberalment biddel il-kontenut tal-flixkun bil-kampjun tal-halib tal-produttur John Azzopardi numru tar-registrazzjoni 307 u liema akkuza kienet timplika, li ir-rikorrenti kien komplici mal-produttur imsemmi li kien ibieh il-halib lill-Kumpanija minghajr ma kien qed tigi ittestjata l-kwalita tieghu.**

**Invista ta' din l-akkuza msemmija hawn fuq, it-Tribunal Industrijali ezamina diversi provi li deheru quddiemu u meta dan it-Tribunal Industrijali ezamina bir-reqqa dawn il-provi jasal ghal konkluzzjoni, li fl'ebda stadju tal-provi ma tressqet xi prova quddiem dan it-Tribunal Industrijali li tipprova li kien hemm xi komplicita bejn ir-rikorrenti u l-produttur immsemmi biex jaffrodaw lis-Socjeta.**

**Dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni wkoll, li anke l-istess Socjeta ma kienitx konvinta li kien hemm xi komplicita bejn ir-rikorrenti u l-produttur tal-halib biex jaffrodaw lis-Socjeta u dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal din il-konkluzzjoni ghar-raguni, li mhux biss li quddiemu ma tressaqt l-ebda prova li kien hemm din il-komplicita bejn ir-rikorrenti u l-produttur tal-halib izda wkoll, li kieku is-Socjeta kienet konvinta li kien hemm xi komplicita bejn il-persuni**

**imsemmija biex jaffrodaw il-Kumpanija, l-istess socjeta kienet ukoll tiehu passi fil-konfront tal-produttur imsemmi u mhux tibqa tahdem mieghu qiesu qatt ma gara xejn.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll id-difiza tar-rikorrenti fir-rigward, li huwa fetah il-flixkun tal-kampjun inkwestjoni ghar-raguni biex il-kampjun tal-halib ma jigix kontaminat. F'dan ir-rigward it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li minkejja dan setgha sar in buona fede pero, jibqa l-fatt li huwa kiser gravament l-istruzzjonijiet tal-Kumpanija u ma kellu qatt jghamel dan la darba kellu struzzjonijiet cari biex ghal ebda raguni ma jinfethu flixken tal-kampjuni.**

**Invista ta' dawn il-fatti li dehru quddiem it-Tribunal Industrijali, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni, li fil-waqt li jillebera lir-rikorrenti mill-ewwel akkuza, dik li kien komplici biex jiffroda lill-Kumpanija, dan it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzzjoni wkoll, li meta r-rikorrenti fetah il-flixkun tal-kampjuni kien naqas gravament ghax kiser il-proceduri tal-Kumpanija.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal**

**konkluzzjoni, li meta tikkunsidra li kien ilu 22 sena fl'impieg u qatt ma kellu kazi ta' dixxipplina, kif ukoll li l-akkuza ta' frodi fil-konfront tieghu ma gietx ippruvata, is-Socjeta setghat tikkunsidra mizuri ohra dixxiplinarji minflok dik ta' terminazzjoni ta' l-impieg.**

**Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li d-decizjoni tat-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda harxa u ngusta. Ghalhekk, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-decizjoni, ir-rikorrenti ghandhu jinghata l-impieg lura u jerga jidhol b'modd normali ghax-xoghol.**

**Dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li ghan-nuqqas li wettaq ir-rikorrenti li ma segwix il-proceduri tal-Kumpanija, ghandu jigi ddixplinat permezz li l-perjodu kollu li ilu barra mill-impieg, ghandu jitqies bhala sospensjoni bla hlas.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Għall-finijiet ta' Avviż legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgħa u disgħajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xogħol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 16 ta' Ottubru, 2014**